# MA NGHIRX GHALIK

*Ta'* C. Cassar

Rajtek żagħżugħ bil-kotba taħt spallejk
Ġismek hawn fl-art u ruħek fis-smewwiet,
Hosbien u waħdek donnok tiġbed lejk,
B'ħarstek mitlufa fl-ibgħad trufijiet.

Liema ħolm ħelu minn quddiem għajnejk
Beda jidhirlek f'dik il-ħemda u skiet;
Kont qiegħed tressaq lill-ġejjieni ħdejk
Jew bkejt l-imħabba li ħallejt fl-ibliet?

Ma ngħirx għalik; kont bħalek noħlom jien
Meta Mejju sabiħ tbissem għalija
U qalbi ferħet b'kobor il-ħolqien.

Ma ngħirx għalik, ja bin il-ferħ u l-ħajja;
Biss xtaqtni flokok, nimraħ fiż-żgħożija,
Biex ġid u isem kont inħalli wrajja.